**Mozzjoni kif emendata fis-Seduta 504 tal-Erbgħa, 27 ta' Mejju, 1981**

## 185. MOZZJONI DWAR IL-BULK-BUYING DIVISION TAL-MINISTRU TAL-KUMMERĊ

Billi l-Partit Nazzjonalista, għax ma jridx li l-poplu jkollu provvisti ta' oġġetti essenzjali l-aħjar prezzijiet, u jrid li jħalli l-ispekulazzjoni li dejjem ħallas għaliha l-fqir u l-batut, u dejjem xaħħmu buthom il-ftit, ipprova jtellef il-fiduċja fis-sistema tal-Bulk-Buying b'akkużi bla verità;

Illi din il-Kamra tapprova l-policy tal-Gvern li jkompli miexi bis-sistema tal-Bulk-Buying ħalli b'hekk jinqeda l-poplu, bl-irħas prezzijiet, u b'mod li f'sitwazzjoni kummerċjali internazzjonali mħawda jassigura lill-poplu provvisti kontinwi, u kif ġie pprovat bl-irħas prezzijiet'.

**27.05.1981**

**Mozzjoni Oriġinali kif ippreżentata fil-31 ta' Mejju 1979.**

**185. Il-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Eddie Fenech Adami, jipproponi:**

Billi fit-8 ta' Mejju, 1979 il-Kap tal-Oppożizzjoni poġġa fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' rapport mogħti lill-Ministru tal-Finanzi, Dwana u Investimenti Finanzjarji tal-Poplu fit-3 ta' Ottubru, 1978 mill-Aġent Segretarju fil-Ministeru tal-Finanzi;

U billi mill-istess rapport jirriżulta li l-Bulk-Buying Division fil-Ministeru tal-Kummerċ ripetutament ma osservatx regoli suġġeriti lilha mill-Ministeru tal-Finanzi fuq parir tal-Awditur dwar proċeduri li kellhom jiġu wżati fil-ħruġ u l-għoti ta' tenders;

U billi l-proċeduri ripetutament użati mill-Ministeru tal-Kummerċ setgħu, fi kliem l-Awditur stess, "ovvjament jagħtu lok għal kull xorta ta' tixħim (bribery ) u korruzzjoni simili" u billi xi tenders setgħu ma ngħatawx fl-aħħar interess tal-poplu;

U billi l-istqarrija magħmula mill-Ministru tal-Kummerċ, l-Onor. Patrick Holland, fis-Seduta tad-9 ta' Mejju, 1979 bħala spjegazzjoni għal dak li hemm fl-imsemmi rapport b'ebda mod ma tissodisfa;

U billi sal-lum il-Prim Ministru naqas li jwaqqaf inkjesta pubblika biex tikxef u tirrapporta dwar kull nuqqas u abbuż li seta' sar fil-Bulk-Buying Division tal-Ministeru tal-Kummerċ;

U billi huwa fl-interess tal-poplu li jkun hemm amministrazzjoni nadifa u ħielsa minn kull xorta ta' korruzzjoni;

Din il-Kamra tirrisolvi li jiġi nominat Kumitat Magħżul tal-Kamra li minkejja l-Ordni Permanenti Nru. 130 ikun magħmul mill-Viċi President tal-Kamra bħala President ta' dan ilKumitat flimkien ma' żewġ Membri min-naħa tal-Oppożizzjoni biex jinvestiga u jirraporta :

1. kif imxiet il-'Bulk-Buying Division' imwaqqfa fil-Ministeru tal-Kummerċ f'Ottubru, 1976 sallum ;

2. jekk kienx hemm xi nuqqasijiet jew irregolaritajiet serji u f'każ affermattiv min hu responsabbli għall-istess nuqqasijiet jew irregolaritajiet ; u

3. kienx hemm xi forma ta' korruzzjoni fl-għoti tat-tenders, partikolarment dawk imsemmija fir-rapport tal-Aġent Segretarju fil-Ministeru tal-Finanzi li jġib id-data tat-3 ta' Ottubru, 1978 u li kopja tiegħu tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra fis-Seduta tat-8 ta' Mejju, 1979;

Il-Kumitat għandu ( i ) jisma' x-xhieda bil-ġurament, ( ii ) iżomm is-seduti tiegħu fil-pubbliku minkejja l-Ordni Permanenti Nru. 137 u ( iii ) jirrapporta lill-Kamra fi żmien tletin ġurnata minn meta jiġi mwaqqaf u kull Membru tal-Kumitat għandu jkollu aċċess għal u jkun jista' jeżamina kull dokument fil-pusess tal-Ministeru tal-Kummerċ jew f'xi Dipartiment tal-Gvern.

31.05.1979

**Emenda ppreżentata mill-Ministru tal-Kummerċ, Industrija u Industriji Parastatali u tal-Poplu, l-Onor. Patrick Holland,, fis-Seduta 504 tas-27 ta' Mejju, 1981**

**Il-Ministru tal-Kummerċ, Industrija u Industriji Parastatali u tal-Poplu, jipproponi l-emenda li ġejja għall-mozzjoni:**

Ħassar il-kliem kollu wara 'Billi' u daħħal dan li ġej :

'Il-Partit Nazzjonalista għax ma jridx li l-poplu jkollu provvisti ta' oġġetti essenzjali l-aħjar prezzijiet, u jrid li jħalli l-ispekulazzjoni li dejjem ħallas għaliha l-fqir u l-batut, u dejjem xaħħmu buthom il-ftit, ipprova jtellef il-fiduċja fis-sistema tal-Bulk-Buying b'akkużi bla verità;

Illi din il-Kamra tapprova l-policy tal-Gvern li jkompli miexi bis-sistema tal-Bulk-Buying ħalli b'hekk jinqeda l-poplu, bl-irħas prezzijiet, u b'mod li f'sitwazzjoni kummerċjali internazzjonali mħawda jassigura lill-poplu provvisti kontinwi, u kif ġie pprovat bl-irħas prezzijiet'.

**L-Emenda għaddiet.**

**Il-mozzjoni kif emendata, għaddiet**